**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA Tad-9 ta' Marzu, 2001.**

**Citazzjoni numru 29/01GC**

**Standard Publications Ltd**

**Vs.**

**Alina Darmanin**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi il-kumpanija attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta fis-somma ta' elf mitejn u hdax il-lira Maltin sebgha u sebghin centezmi (Lm1211.77.0) bilanc ta' somma akbar dovuta ghall-"advertising" maghmula f'diversi okkazzjonijiet mill-kumpanija attrici fuq inkarigu tal-konvenuta u dana kif jidher mid-Dokument A u mid-Dokumenti 1,2,3, 4, u 5 hawn annessi;

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenuta, hija baqghet ma hallsitx is-somma fuq imsemmija;

Illi l-kreditu tal-kumpanija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuta ma ghandha l-ebda difiza valida kontra t-talba tal-kumpanija attrici;

Talbet ghalhekk lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. taghti is-sentenza taghha u tilqa it-talba tal-kumpanija attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza u dana kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna minnufih lill-konvenuta thallas lill-kumpanija attrici l-imsemmija somma ta' elf mitejn u hdax il-lira Maltin sebgha u sebghin centezmi (Lm1211.77) dovuta lilha ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-l5 ta' Frar, 2000 u tal-mandat ta' qbid kontestwali u bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-data tal-istess ittra ufficcjali kontra il-konvenuta li giet imharrka ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi it-talbiet kif deadotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socejta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur